# Fra Ludovik Busuttil OFMConv.

minn Joe Buhagiar



Ilu nieqes minn fostna għal bosta snin u ġieli ġie jżurna, anzi ġieli ġie lura f'daru bil-kwiet għal xi festa u wara jirritorna lura lejn id-dar tal-kleru, iżda llum Fra Dovik reġa' ġie biex jibqa' hawn f'raħal twelidu.

Imma min kien dan Ġuzeppi Busuttil. Ta' sittax-il sena ddeċieda li hu, l-ewwel wild minn sitt itfal, jitlaq lill-familja u jingħaqad mal-Familja Franġiskana Konventwali. Wara n-novizzjat huwa ħa l-voti perpetwi u daħal Fra 'l fuq minn ħamsin sena ilu u ħadem kważi fil-kunventi kollha Franġiskani iżda l-iktar li ħadem kien f'raħal twelidu.

Fra Dovik, Reliġjuż ta' ftit kliem, kien dejjem ta' eżempju tajjeb u kien jaħdem bla heda sakemm tatu saħħtu, ta' qalb tajba, dejjem obda lis-superjuri tiegħu. Għalkemm qatt ma ppriedka iżda b'għemilu ta xhieda tal-vokazzjoni Franġiskana li jgħix il-Vanġelu.

Forsi ħafna jiftakru dak il-pass ftit imkaxkar tiegħu, u dan il-pass kien minn dejjem hekk, iżda ftit kienu jistgħu jilħqu miegħu. Huwa kien jieħu ħsieb lil ħutu l-patrijiet, kien sagristan tal-knisja parrokkjali għalhekk kien jiftaħ il-knisja kuljum jieħu ħsieb kull quddiesa filwaqt li kien ukoll iħejji u jarma u jżarma għal kull festa li tiġi ċċelebrata. Bniedem li niftakruh waħdu jġorr s-sellum tad-damask u jdendel l-istess damask biex jżejjen il-knisja.

Maria s-sultana tal-Martri sa minn ċkunitu kienet l-omm li ħarsitu fil-vokazzjoni tiegħu u għaliha ddedika l-ħidma tiegħu.

Waqt ir-rikreazzjoni tiegħu kien jieħu grupp ta' tfal jilagħbu l-ballun, u kien il-prekursur ta' dik li llum hija n-*Nursery* tat-tfal. Għall-futbol, in-namra kbira tiegħu, kien ukoll ħadem bil-kbir u rnexxielu flimkien ma' oħrajn jifforma t-tim tal-futbol f'San Pawl il-Baħar, is-Sirens. Ingħata l-midalja *Ġieħ San Pawl*, proprju għas-sevizz li ta biex ġabar dawn it-tfal u ffurmalhom karat...tru nisrani u soċjali.

Meta għalaq ħamsin sena fil-mixja Franġiskana kien hemm bosta li ferħulu xtaquh jibqa' hawn għax il-vojt tiegħu kien jinħass iżda Fra Dovik kien diġà qiegħed rikoverat fid-Dar tal-Kleru. Hemm ukoll ħalla vojt u llum Fra Dovik qed jieħu l-ġieħ mistħoqq mingħand dak li għalih hu ħalla kollox biex jimxi warajh, għalhekk inġbarna hawn biex insellmulu u ngħidulu grazzi ta' kollox Fra Dovik. Il-Mulej jagħtik il-mistrieħ ta' dejjem.

Fra Dovik twieled fl-20 ta' Jannar 1929.

Miet fid-Dar tal-Kleru, nhar il-Ħadd 29 ta' Jannar 2006.

Dan hu diskors li sar f'jum il-funeral tiegħu, fil-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar, it-Tnejn 30 ta' Jannar 2006.